# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 441/2022 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**NC**

**U**

**LA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 19 ta' Awwissu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu fis-7 ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) [Dok A] mil-liema zwieg huma m'ghandhomx tfal.*

2. *Illi l-esponenti m'ghadhomx jghixu flimkien u ilhom aktar minn sitt xhur separati de facto, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

3. *Illi l-esponenti sseparaw minn xulxin u dan permezz ta' kuntratt maghmul fl-10 ta' Awwissu 2022 [Dok D] wara li ottjenew is-solitu digriet mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) [Dok E].*

4. *Illi in oltre bejn l-esponenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.*

5. *Dan kollu qed jigi kkonfermat mill-esponenti permezz ta' affidavits rispettivi taghhom esebiti bhala Dok B u Dok C.*

6. *Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtiequ jitolbu d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg bejniethom.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti fis-7 ta' Settembru, 2014; u*
2. *Tordna lir-Registratur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet datata 7 ta' Settembru 2022 fejn iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NC** (vide affidavit fol 4) illi l-partijiet izzewgu nhar is-7 ta' Settembru 2014 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Sostna illi dan iz-zwieg ma rnexxiex u filfatt il-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar l-10 ta' Awwissu 2022 izda ddikjara illi l-kontendenti ilhom separati de facto sa mil-4 ta' Novembru 2021. Ikkonferma illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment dovut.

**LA xehdet** (vide affidavit fol 5) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed NC.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat,***

***fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Mejju 2013, liema zwieg jgib certifikat numru 13/2014 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Jean Carl Debono nhar l-10 ta' Awwissu 2022 (vide fol 4 et seqq.) Jirrizulta di piu' li l-partijiet kienu ilhom separati de facto ghal aktar minn sitt xhur. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 13/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**